MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 610/1986/1

**Wilhemina Abela bhala direttrici u in rappresentanza ta' Mabrouk Limited**

**vs**

**Joseph Ciantar**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 903/86 fl-ismijiet inversi in kawtela tal-pretensjoni tieghu ghall-elfejn hames mija u disa u tletin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm2539.56) ta' ammont simili dovut ghal-xoghol extra, bonus, u bilanc ta' pagi;

Illi l-istess pretensjoni dedotta mill-konvenut hija bla bazi kif ga gie kontestat tul il-kawza;

Illi l-mandat in kwistjoni gie wkoll ottjenut minghajr ma qabel saret l-interpellazzjoni rikjesta fl-artikolu 849(4)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk l-istess mandat huwa null u vessatorju;

Illi b'risultat is-socjeta attrici qiegheda ssofri dannu konsistenti f'telf ta' negozju, imghax u spejjez;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti: -

1. tiddikjara irritu, null u vessatorju l-mandat ta' sekwestru numru 903/86 fl-ismijiet inversi fic-cirkostanzi premessi;

2. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha kawzati lill-attrici nomine b'l-istess mandat, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat;

3. tikkundanna lill-konvenut jhallas dik il-penali komminata mill-ligi f'dak l-ammont li jigi stabbilit minn din il-Qorti u dan minhabba l-agir illegali tieghu kif fuq premess;

4. tikkundanna l-konvenut jhallas l-ispejjez ta' din il-kawza;

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-giurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi l-mandat ta' sekwestru numru 903/86 hareg sewwa;

Illi l-ammont dovut huwa l-mertu tal-kontrotalba fil-kawza numru 1307/84 JDC fl-ismijiet “Wilhelmina Abela noe vs Alexander Ciantar et” u l-mandat isegwi l-validita’ ta’ l-istess kontro-talba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kovnenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tal-5 ta’ Dicembru 1986 li bih gie nominat bhala perit legali l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Novembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza u dana wara li gie verbalizzat li l-konvenuti naqsu li jippresentaw in-nota indikata fil-verbal tal-ahhar seduta u peress li l-konvenut iddikjara li l-proposta ukoll indikata fl-ahhar verbal mhux accettabbli ghalih u peress li s-socjeta attrici talbet li l-kawza tibqa ghas-sentenza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tghamel referenza ghal-mandat ta’ sekwestru numru 903/86 fl-ismijiet inversi ottjenut mill-konvenut odjern kontra taghha in kawtela ta’ kreditu pretiz ta’ elfejn hames mija u disa u tletin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm2539.56) allegatament rappresentanti ammont dovut ghal-xoghol extra, bonus, u bilanc ta’ pagi. Is-socjeta attrici tippremetti li dawn il-pretensjonijiet tal-konvenut huma bla bazi kif gia gie kontestat fil-kawza relattiva. Tippremetti ukoll li l-imsemmi mandat gie wkoll ottjenut minghajr ma saret l-interpellazzjoni rikjesta skond il-provedimenti tal-artikolu

849(4)(b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u li ghalhekk l-istess mandat huwa null u vessatorju. Bhala risultat is-socjeta attrici qed issofri danni konsistenti f'telf ta' negozju, oltre imghax u l-ispejjez relattivi. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-mandat ta' sekwestru in kwestjoni hu rritu, null u vessatorju u li jigi dikjarat li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni kollha kawzati lis-socjeta attrici, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat. Talbet ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas il-penali li trid il-ligi f'dak l-ammont li jigi stabbilit minn din il-Qorti u dan minhabba l-agir illegali tal-konvenut kif gia indikat u li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza;

Il-konvenut, da parti tieghu, eccepixxa li l-mandat ta' sekwestru in kwestjoni hareg sewwa u li l-ammont dovut huwa l-mertu tal-kontrotalba fil-kawza numru 1307/84 JDC u l-mandat isegwi l-validita' ta' l-istess kontro-talba;

Fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat perit legali, li pero' naqas li jippresenta r-relazzjoni tieghu.;

Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2005 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq talba tas-socjeta' attrici;

Minn esami tal-process jirrizulta li s-socjeta attrici naqset li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie allegat minnha fic-citazzjoni u in sostenn tat-talbiet taghha. Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-pretensjonijiet tal-konvenut kif dedoti fil-mandat in kwestjoni huma bla bazi. Ma ngabet ebda prova dwar il-pretensjoni tas-socjeta attrici li l-istess mandat gie ottjenut minghajr ma saret l-interpellazzjoni rikjesta skond il-ligi. Lanqas ma saret ebda prova dwar il-pretensjoni tas-socjeta attrici fis-sens li qed issofri danni konsistenti f'telf ta' negozju bhala konsegwenza tal-hrug tal-istess mandat. Lanqas ma jirrizulta li ghandha tigi imposta l-penali skond il-ligi;

F'dawn ic-cirkostanzi zgur li t-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------